Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 3/2014/1AE

**Malcolm Ellul**

**Vs**

**Sharon Calleja f'isimha proprju u ezercenti l-kummerc bl-isem Raven Visual Media Productions**

Il-Gimgha, 27 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' avviz prezentat fis-7 ta' Frar 2014, l-attur talab il-hlas ta' tlett elef ewro (€3,000) ghal servizz li ta lill-konvenuta fil-produzzjoni tas-serje televiziva Eklissi.

Il-konvenuta wiegbet li:-

1. Il-ftehim kien jipprovdi li l-attur kellu jattendi ghal kull seduta ta' preparazzjoni u produzzjoni tas-serial, u ma jaghmilx xoghl professjonali fl-interess ta' terzi. Kundizzjonijiet li naqas milli jwettaq.
2. Il-konvenuta hallsitu s-somma ta' €1,000 pro bono pacis. Hlas li gie accettat ghas-saldu.

Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar 2015, it-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u fl-istess hin laqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elf ewro (€1,000).

Mis-sentenza appellaw iz-zewg partijiet.

Fit-12 ta' Marzu 2015 il-konvenuta pprezentat appell (fol. 190) fejn sostniet li l-hlas ta' €1,000 jirraprezenta kumpens altru milli gust u adegwat ghax-xoghol kollu li ghamel l-attur. Il-principju omnia labor optat premium ghandu bhala kollorarju li hadd ma jista' jippretendi hlas ghal xoghol li ma jkunx ghamel. Inoltre, meta parti tassumi obbligi, ma tistax tippretendi l-hlas minghand il-parti l-ohra jekk ma tkunx wettqet l-obbligi taht il-ftehim. M'huwiex minnu li ftehemet mal-attur li ser thallsu s-somma ta' €1,000 tal-parti li hadem fis-serial. Fl-ewwel lok il-parti tieghu ma kinitx principali, u ghall-parti simili kienet regola li ma jithallsux. Ma jaghmilx sens li l-partecipazzjoni tal-attur tithallas b'somma fissa minghajr ma jittiehed in konsiderazzjoni d-drabi li deher waqt is-serial. Jekk kellu jithallas ghal kull darba li deher, il-hlas ikun ferm inqas minn €1,000.

Fit-13 ta' Marzu 2015 l-attur ipprezenta appell (fol. 193). L-aggravji tieghu huma li:

i. It-Tribunal naqas milli jaghmel apprezzament korrett tal-provi.
ii. il-konvenuta m'hijiex xhud kredibbli.
iii. L-imghax ghandu jiddekorri mid-data meta l-hlas kien dovut lill-attur.
iv. It-Tribunal ordna li l-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi a karigu tal-attur u terz a karigu tal-konvenuta. B'applikazzjoni tal-Artikolu 10(1) tal-Kap. 380, l-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta.

Kemm l-attur u l-konvenuta wiegbu ghall-appell li sar mill-parti l-ohra (fol. 216 u fol. 229).

Fl-2012 il-konvenuta tat lill-attur l-inkarigu ta' *production manager* ghas-serial tat-televixin Eklissi. Ghal dan ix-xoghol l-attur kellu jircievi hlas ta' €3,000. Kienet il-konvenuta stess li ghamlet din l-offerta permezz ta' email datata 17 ta' Settembru 2012 (fol. 22). Hu evidenti li l-attur kien accetta, tant hu hekk li fl-emails li baghat fejn talab ghall-hlas tal-bilanc, ghamel riferenza ghal din ic-cifra. L-attur inghata wkoll parti fl-istess *serial*.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:-

1. Il-konvenuta ma qalitx il-verita' meta xehedet li l-hlas ta' €1,000 li tat lill-attur, kien hlas ghas-saldu[1]. Emails li baghatet il-konvenuta lill-attur fl-20 ta' Gunju 2013 (fol. 40)[2] u 23 ta' Settembru 2013 (fol. 41) juri xenarju totalment differenti. Fl-email tal-20 ta' Gunju 2013 il-konvenuta kitbet:

*"Hi Malcolm,*

*Good morning. I am glad it arrived. The only reason I haven't paid you yet is because I am still hoping for Net to pay. I have already discussed a good plan for a loan with my bank and assure you that the rest of our agreed amount will hopefully reach you before that. The one only thing which really hurt me is that I really like you as a person an believe me always trusted you. Therefore, before discussing matters with the cast and crew, please inform me beforehand because believe me, the first persons I will fully pay are you (make-up I already paid), Claire, Vanessa and the 4 main parts, which in my personal opinion did the massive job. I have not paid anyone else.*

*Today I will send you all an email so you'll have a better idea on the situation.*

*As discussed with all cast and crew who called me, I would never allow any of the people who worked with me and trusted me to be betrayed. As the producer, if not*

[1] Seduta tal-24 ta' April 2014 (fol. 44).
[2] L-email intbaghatet bi twegiba ghall-email tal-attur tal-istess gurnata (fol. 40) fejn ikkonferma li kien ircieva cekk ghas-somma ta' €1,000 u gharrafha li kien qieghed jatiha sal-ahhar ta' Settembru 2013 sabiex thallsu l-bilanc ta' €3,000.

*paid by MediaLink, I will take care of all this myself personally with a loan. Meanwhile I still want to point out that for me you are a friend and I don't want our relationship to be broken. Sorry if there was any misunderstanding from my part. The only reason that I may have been arrogant with some of them is that I am under a lot of pressure, believe me. I hope you understand"*.

2. Fil-fehma tal-qorti din l-email hi l-aqwa prova li:-

   i. Il-hlas ta' €1,000 ma kienx hlas ghas-saldu. Kieku l-hlas kien ghas-saldu l-attrici ma kinitx tikteb li ddiskutiet *'a good plan for a loan with my bank'*, u assigurat lill-attur *'that **<u>the rest of our agreed amount</u>** will hopefully reach you before that'* (enfazi tal-qorti). Inoltre, dan il-kliem hu prova li kien hemm somma fissa u miftiehma li l-attur kellu jithallas minghand il-konvenuta. Ghalhekk ukoll meta l-konvenuta xehedet: *"Qabel ma hallastu ghidtlu li kont ser naghtih il-pagament u tali pagament kien ser ikun finali. Nghid illi ghidtlu li kien ser ikun finali"* (fol. 67), ma tistax titwemmen.
   ii. Il-konvenuta ma kellhiex ilmenti dwar il-mod kif l-attur kien wettaq id-dmirijiet tieghu. Fl-email qalet li *"... the first persons I will fully pay are you…. Claire, Vanessa and the 4 main parts, which **in my personal opinion did the massive job**"*. Kliem li jfahhar ix-xoghol li ghamel l-attur u nies ohra. Li kieku l-konvenuta kellha xi ilmenti, kienet ser issemmihom f'din l-email. Dan meta tqies li fis-17 ta' Gunju 2013 l-attur kien baghat email lill-konvenuta fejn gharrafha li jekk sal-ahhar ta' Gunju 2013 ma kienx ser jircievi hlas ta' €4,000 permezz ta' cekk mahrug f'ismu, kienet ser tisma' minghand l-avukati tieghu. Ir-reazzjoni tal-konvenuta kienet li tibghatlu hlas ta' €1,000. Meta tlett ijiem wara rega' kiteb biex igharrafha li kien ircieva l-hlas ta' €1,000 u li kien dispost jistenna sal-ahhar ta' Settembru biex jithallas il-bilanc ta' €3,000, it-twegiba tal-konvenuta kienet l-email fuq imsemmija. Il-kliem li kitbet zgur li m'huwiex kliem ta' persuna li qeghda tikkontesta l-hlas pretiz b'insistenza mill-attur. Anzi l-konvenuta rrikonoxxiet li kienet ghadha debitrici tal-attur.

3. Tant il-konvenuta ma kellhiex kwistjonijiet mal-attur, li f'email tat-23 ta' Settembru 2013 (fol. 41) l-attur qalilha li kien wasal l-ahhar ta' Settembru u kien ghadu ma thallasx. Gharrafha li l-ghada kien ser ikun Ghawdex u staqsa jekk setax jiltaqa' maghha l-qorti biex tatih il-kumplament tal-flus. It-twegiba li l-konvenuta tatu dakinhar stess kienet:

   *"Am waiting for loan procedures. Should be cleared hopefully this week and I'll contact you myself for a meeting with me as crew and main parts"*.

   Kliem ta' persuna li qeghda tirrikonoxxi li hi debitrici tal-attur.

4. Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2014, il-konvenuta xehedet: *"Fil-fatt mis-sbatax ta' Gunju 'l hemm Malcolm Ellul qiesu beda jidher ghan-nom tal-atturi wkoll u jiena meta kont qed nibaghatlu emails biex nghidlu li ser inhallas etc kont qieghed nirreferi ghall-pagamenti lill-atturi l-ohra"* (fol. 66). Fil-fehma tal-qorti dan hu kaz iehor fejn il-konvenuta ma qalitx il-verita'. Hu car daqs il-kristall li l-email tas-17 ta' Gunju 2013 (fol. 39) intbaghatet mill-attur b'riferenza ghall-hlas dovut lilu. L-istess l-email tal-20 ta' Gunju 2013 (fol. 40). B'dawn it-tip ta' dikjarazzjonijiet meta xehedet, il-konvenuta tkompli tikkonvinci lill-qorti li m'hijiex xhud kredibbli. Hekk ukoll il-konvenuta m'hijiex kredibbli meta qalet:

   i. *"Fil-verita' qatt ma kien jigi on set. Ghal precizjoni kien jigi ftit. Kien gie xi disgha jew ghaxar darbiet b'kollox. Minn xi seba' xhur filming meta kwazi kien ikollna filming kuljum"* (fol. 65).
   ii. *"Nghid illi minhabba Malcolm Ellul il-produzzjoni marret lura hafna"* (fol. 66).

   Il-kontradizzjoni qeghda fl-email tas-17 ta' Gunju 2013 meta l-konvenuta kitbet lill-attur li hu, flimkien ma' nies ohra li ssemmew fl-email, *"... in my personal opinion did the **massive job**"*. Email li ntbaghatet wara li spicca l-*filming*. Il-qorti ma tistax temmen xhud li tikkontradici b'mod sfaccat u bla spjegazzjoni dak li kitbet hi stess.

   Il-konvenuta qalet ukoll li skond il-ftehim li kellha mal-attur ma setax jahdem xoghol iehor fil-perjodu li kien qieghed jahdem ghall-produzzjoni taghha. Pero' minn email datata 20 ta' Awissu 2012 (fol. 21) jirrizulta mod iehor. Fil-fatt f'dik l-email l-attur gharraf lill-konvenuta, Victor Vella u Raphael Farrugia li matul dik il-gimgha kellu xoghol iehor. It-twegiba tal-konvenuta kienet: *"Lol thanks Malcolm :-) it means Danicio will have lenses and will open his mouth to show fangs :-) to attack lol tks Sharon"* (fol. 21). Risposta bhal din ma kinitx tinghata mill-konvenuta li kieku verament kellha ftehim mal-attur li ma jwettaqx xoghol iehor ghal haddiehor.

5. Fil-fehma tal-qorti qalet x'qalet il-konvenuta fil-kors tal-kawza dwar il-kwalita tas-servizz li ta l-attur, l-emails li baghtet jikkontradicu ghal kollox il-verzjoni li tat fil-kawza. F'dan ir-rigward it-Tribunal osserva:-

   *"Huwa minnu illi f'email partikolari l-konvenuta infurmat lil attur li kienet disposta thallsu u li fahhritlu dak li kien ghamel, pero' f'dan l-agir dan it-tribunal ma jarax rinunzja tad-drittijiet tal-konvenuta, li ghalkemm weghdet il-hlas fl-ebda mument ma kkommettiet ruhha b'cifri"*.

   Il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal, in kwantu:-

   i. Dan ma kienx kaz ta' rinunzja ghal drittijiet.

ii. Fl-email il-konvenuta fahhret ix-xoghol li ghamel l-attur u kkonfermat li ser thallsu. Li kieku kellha xi lment kienet issemmieh fl-email.

iii. It-Tribunal stess qal li mill-provi kien irrizulta li l-ftehim bejn il-kontendenti kien li l-attur kellu jithallas €3,000 ghas-sehem tieghu fil-produzzjoni tas-serial u €1,000 bhala attur fl-istess serial. Fl-email il-konvenuta ma kellhiex bzonn toqghod tikkometti ruhha b'cifri, ghaliex kienet taf xi hlas kien dovut. Fil-fatt fl-email kitbet: *"…. and assure you that* ***<u>the rest of our agreed amount</u>*** *will hopefully reach you before that"* (enfazi tal-qorti).

6. Tant il-konvenuta kienet sodisfatta bis-servizz tal-attur li f'email datata 5 ta' Frar 2013 infurmatu li kellha xoghol iehor ta' drama (fol. 36). L-attur awguralha u qalilha li kien lest ighinha. It-twegiba tal-konvenuta kienet: ***"If you want to be part…. I would really be happy :-)"*** (fol. 36). Kliem li zgur li mhux ta' persuna insodisfatta bis-servizz li ta l-attur. Dakinhar stess baghatet email ohra lill-attur, fejn qaltlu: *"Thanks Mal…. Hehe you've got such a fire in you for this work which surely is a great asset apart from your brilliant talent :) prosit dear !….."* (fol. 36). Dan ikompli juri x'relazzjoni tajba kien hemm bejn il-partijiet. Ir-raguni tghidlek li kieku l-konvenuta ma kinitx sodisfatta bil-mod kif l-attur wettaq dmirijietu, ma kienx ser ikun hemm skambju ta' dawn it-tip ta' messaggi.

7. Hu minnu li x-xhud Raphael Farrugia, direttur tas-sensiela, xehed li kellu hafna problemi mal-attur: *"… ghax ma kienx ikun on set. Kont litteralment nispicca nitbaqbaq ghaliex ma kienx jaghti sehemu. Nghid illi anke meta kien ikun on set ma tantx kien jaghti sehemu. Il-produzzjoni damet xi tmien (8) xhur cirka….. Dak 'il ftit li kien itini kien ikollna noqghodu"*. Pero' l-qorti temmen li dan ix-xhud m'huwiex kredibbli. Dan ix-xhud ma kienx imparzjali izda kellu agenda kontra l-attur. Fil-fatt hu evidenti li wara li l-konvenuta rceviet l-atti tal-kawza, ikkomunikat mieghu u fl-24 ta' April 2014 baghatilha email bil-kliem: *"This email shows how Malcolm used to find actors ! Without any experience… basta jimla l-post"* (fol. 86). L-istess ghamel fir-rigward ta' email ohra li kien baghat *cameraman* fil-21 ta' Frar 2013 (fol. 90). Dan ix-xhud qal: *"Mistoqsi jekk is-sur Ellul tax is-servizzi li pprometta li ser jaghti, nghid li le. Anzi nghid li s-sur Ellul lili sallabni ghaliex ix-xoghol kollu tieghu spiccajt naghmlu jien bl-ghajnuna ta' Sharon Calleja"* (fol. 99). Jekk dik hi l-verita, kif waqt li ghaddejja l-produzzjoni tas-sensiela m'hemmx prova li x-xhud informa lill-konvenuta bil-problemi kbar li suppost kien qieghed jatih l-attur ? Lanqas m'hemm prova li l-attur inghata *warning* dwar l-allegati nuqqasijiet. Dan apparti li mid-diversi emails li gew prezentati miz-zewg partijiet, m'hemmx l-icken indikazzjoni tax-xenarju li pinga Raphael Farrugia meta xehed. Ghall-qorti dan ix-xhud ukoll ma kellux jitwemmen.

8. Il-qorti lanqas ma temmen li kien hemm xi ftehim li l-attur kellu jkun prezenti ghal kull seduta tal-produzzjoni tas-sensiela. Il-konvenuta pprezentat dokument li qalet li hi l-attendenza ta' min kien ikun prezenti on set (fol. 79-83), u li qalet kienet tittiehed minn Raphael Farrugia[3]. Il-qorti tosserva:-

   i. Id-dokument m'huwiex iffirmat mill-persuni li jissemmew fih. Inoltre fis-6 ta' Novembru 2012 jinghad li l-attur ma kienx prezenti. Pero' fl-atti hemm email datata 7 ta' Novembru 2012 li l-attur baghat lill-konvenuta (fol. 31) fejn qalilha: "*Yesterday whilst I was upstairs with the vamps I was asked what is happening with the actor's contracts and payments*" . Kliem li jindika li kien prezenti. Dan fih innifsu joskura l-affidabilita' tad-dokument.
   ii. Skond id-dokument l-attur attenda ghal hdax-il darba biss ghal *filming*, minn 144 laqgha. Il-qorti ma tistax temmen xenarju bhal dan jekk kif qalet il-konvenuta kien hemm ftehim li l-attur kellu jkun dejjem prezenti. L-attur inzamm fil-kariga tieghu ghat-tul tal-produzzjoni kollha u anzi wara li spiccat il-produzzjoni tas-sensiela l-konvenuta kkumplementatu. Fatti li jikkontradicu ghal kollox il-verzjoni li tat il-konvenuta.

   Inoltre, filwaqt li l-konvenuta qeghda konvenjentement tipprova tiggranfa mal-attendenza tal-konvenut fuq is-sett tal-produzzjoni, id-dmirijiet tal-attur bhala *production manager* kienu ferm iktar. Dan kif jirrizulta mill-email datata 17 ta' Awissu 2012 li l-attur baghat lill-konvenuta fejn spjega x'kien ser ikun ir-rwol tieghu fil-produzzjoni (fol. 20).

9. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tqies li l-attur ghandu ragun jilmenta mill-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. In vista tal-istess ifalli wkoll l-ilment tal-konvenuta dwar is-somma ta' elf ewro li llikwida t-Tribunal.

10. Hu fatt li fis-sentenza t-Tribunal qal li l-fethim originali kien li l-attur kellu jircievi wkoll hlas ta' €1,000 bhala attur fis-sensiela Eklissi. Skond email mibghuta lill-attur fil-5 ta' Lulju 2012 (fol. 16), hu kellu l-parti ta' Sabian "*.. a vampire of Shaifa's clan*". M'hemmx prova li qabel bdiet il-produzzjoni tas-sensiela l-partijiet ftehemu li l-attur jithallas somma fissa ta' €1,000. Madankollu minn email tal-istess konvenuta tas-7 ta' Novembru 2012 atturi li kellhom parti principali kellhom jithallsu €70 ghal kull episodju filwaqt li l-atturi li kellhom parti sekondarja kellhom jithallsu bejn €35 u €50 (fol. 31). M'hemmx prova li kien hemm ftehim li l-attur mhux ser jithallas ghall-parti li kellu fis-sensiela. Il-qorti temmen li f'xi zmien wara li tlestiet il-produzzjoni kien sar ftehim bejn

[3] Fatt li kkonferma l-istess xhud.

il-partijiet li l-attur ser jircievi €1,000. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li fl-email datata:-

i. 30 ta' April 2013, l-attur ghamel riferenza ghas-somma dovuta lilu ta' €4,000 (fol. 38). Fit-twegiba tal-istess gurnata, il-konvenuta ma kkontestatx l-ammont. Semplicement qaltlu li kienet ghadha tistenna li tithallas tal-produzzjoni minghand Medialink;
ii. 27 ta' Gunju 2013 (fol. 39) l-attur rega' semma s-somma ta' €4,000. Fit-twegiba ta' dakinhar stess, il-konvenuta qaltlu *".... I apologize for not sending you the cheque promised"* u ma qalitx li l-ammont mitlub kien ezagerat;
iii. 20 ta' Gunju 2013 (fol. 40) l-attur ikonferma li kien ircieva cekk ghal €1,000 u talab il-hlas tal-bilanc, €3,000. Il-konvenuta wiegbet li kienet qeghda tittama li *"... the rest of our* ***agreed amount*** *will hopefully reach you before that"*. Fil-fehma tal-qorti r-riferenza setghet kienet biss ghas-somma ta' €3,000[4] gialadarba mill-provi ma rrizultax li l-partijiet kienu ftehemu fuq xi somma ohra.

Minn din il-korrispondenza l-qorti hi konvinta li t-Tribunal kellu ragun li jiddikjara li l-hlas pattwit kien ta' €4,000, ghalkemm taqbel li s-somma ta' €1,000 ma kinitx pattwita minn qabel bdiet il-produzzjoni. Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li t-tezi tal-konvenuta li l-attur ma kellux jithallas ghal parti li kellu fis-sensiela, m'ghandhiex mis-sewwa.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tichad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.**
2. **Tilqa' l-appell tal-attur fis-sens li tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-27 ta' Frar 2015 billi:-**

   i. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta;**
   ii. **Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bl-imghax minn April 2013[5]. Spejjez kollha, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem it-Tribunal, a karigu tal-konvenuta.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

[4] Li ovvjament kienet tirreferi ghax-xoghol ta' *production manager*.
[5] L-obbligazzjoni hi kummercjali u ghalhekk skond il-ligi l-imghax jiddekorri minn meta l-hlas hu dovut.